# 46. Ix-Xitla tal-Ansar

Ix-xitla tal-ansar
mimlija bis-semm;
kull ħliqa li dduqha
timtela bil-hemm;

Iżd’Ommna n-Natura
trid taħdem bħal-lsira
sa meta titrabba
sa meta ssir kbira:

Ix-xemx mal-ġurnata
b’sidirha leqqien
trid toqgħod treddagħha
u żżoqqha bl-ilwien;

Ix-xita mill-baħar
trid titla’ sas-sema,
u mbagħad minn dak l-għoli
lejn l-art trid tintrema;

Bil-ħamri fejjiedi
ir-riħ il-ħamsin
irid jiġi mgħobbi
minn l-art tal-għarbin.

U wara dil-ħidma
tal-għaraq tad-demm
ix-xitla tal-ansar
timtela bis-semm.